# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 25 ta' Diċembru 2016

Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Quddiesa ta' Binhar

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum qed niċċelebraw is-solennità tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Illum il-Knisja tifraħ b'dan il-misteru hekk kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla fostna għas-salvazzjoni sħiħa tagħna.

Imqanqlin b'dan il-ferħ hekk kbir, nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 52, 7-10)

Il-profeta Isaija jurina li permezz tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, id-dinja kollha għarfet l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Lhud 1, 1-6)

Fil-bidu, Alla tkellem permezz tal-profeti, iżda issa HU tkellem permezz tal-għotja ta' ibnu lid-dinja bħala bniedem.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 1, 1-18)

L-Evanġelju skont San Ġwann jiftaħ billi jgħidilna li l-Verb, jiġifieri Alla, ħa s-sura ta' bniedem u ġie jgħammar fostna biex aħna nkunu salvi.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Kristu ġie fostna bħala bniedem biex isalvana. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna għal dan il-misteru hekk kbir billi nressqu dawn l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla ġie jgħammar fostna fl-istorja ta' Betlehem, iżda HU għadu jagħmel hekk kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.